## KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN

## IL-SEBA' LEĠISLATURA

## MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL

## LAQGĦA NUMRU 114 – IT-TNEJN, 10 TA' DIĊEMBRU 2018 FIS-5.30PM

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

Preżenti

| | |
|---|---|
| Etienne Bonello Du Puis | Sindku |
| Marica Bayliss | Viċi Sindku |
| Trevor Fenech | Kunsillier |
| Dominic Cassar | Kunsillier |
| Neville Mallia | Kunsillier |
| Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

Skużati

| | |
|---|---|
| Rita Saliba | Kunsillier |
| Malcolm Abdilla | Kunsillier |
| Joan Farrugia | Kunsillier |
| Mikhail Micallef | Kunsillier |

**1 Approvazzjoni Minuti Numru 113**

1.1 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sur Trevor Fenech issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Punti mtella mill-Minuti 113**

2.1 Ma kienx hemm punti imtella.

**3 Pagamenti Numru ~~99~~ 100**

3.1 Is Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sur Dominic Cassar issekonda. Kien hemm qbil li jiġu approvati l-petty cash ta' Novembru.

**4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

4.1 Ġew innutati quarter 3 accounts tal-Kunsill. Ġie innutat li l-Kunsill qiegħed f'pożizzjoni finanzjarja tajba. Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati dawn l-accounts. Is-Sinjura Marica Bayliss issekondat. Kien hemm qbil unanimu.

4.2 Kien hemm diskussjoni dwar il-problema li qed ikun hemm meta jkun hemm aktar minn ġabra waħda tal-iskart. Dan qed jikkawża dewmin fil-ġbir tal-borża l-bajda nhar ta' Tnejn u l-Ġimgħa. Wara laqgħa li saret mal-kuntrattur, kien hemm diskussjoni li ż-żewġ ġabriet isiru f'daqqa. Din tinvolvi spiża ta' kirja ta' żewġ vetturi oħra bi spiża ta' 350 Ewro kull darba. Kien hemm qbil li din issir bi prova ta' 6 xhur bħala extra works fuq il-kuntratt li hemm.

4.3 Ġiet innutata korrispondenza mid-DLG fejn dawn infurmawna li l-proġett ta' Ġnien Karin Grech mhux ser isir. Il-Kunsill qed jistenna din ir-risposta mill-Works Division. Is-Sindku għandu jikkomunika mal-Prim Ministru fuq dan il-proġett.

4.4 Il-Laqgħa Annwali għandha ssir nhar it-Tnejn, 14 ta' Jannar fis-7.30pm.

## 5 Korrispondenza

5.1 Kien hemm qbil li jsiru Art and Pottery Classes fil-Kunsill. Għandu jsir promozzjoni ta' dawn il-classes.

5.2 Ġiet innutata laqgħa li saret mal-Pulizija u ċ-Chiswich House School. Kien hemm qbil fuq numru ta' miżuri li għandhom jittieħdu fi Triq Antonio Schembri. Dawn jinkludu, applikazzjoni għal boarding and alighting quddiem l-iskola, numru ta' U bollards biex ma jkunx hemm parkeġġ fuq il-bankina kif ukoll Triq Antonio Schembri, bejn Triq iċ-Ċiefa u Triq l-Isponsun issir One Way waqt il-ħinijiet tal-ħruġ u d-dħul tat-tfal tal-iskola. Din għandha tiġi diskussa waqt laqgħa tal-KAC.

5.3 Ġew approvati żewġ skrivani mill-interviews li saru. Dawn huma Casey Deguara u Antoine Attard. Ġie approvat ukoll ix-xiri ta' laptop.

5.4 Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill jorganizza flimkien man-Nursery tal-Football, il-winter tournament. L-ispiża għall-Kunsill ma tkunx aktar minn 850 Ewro.

5.5 Kien hemm qbil li jiġi ffinanzjat il-first aiders għal Christmas Village li qed jiġi organizzat fl-iskola.

5.6 Kien hemm diskussjoni dwar laqgħa li saret ma' Grupp ta' Żgħażagħ fejn dawn qed jiddiskutu xi proġetti li għandhom għal lokal. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jaħdem ma' dan il-Grupp fuq ideat li jissuġġerixxu.

5.7 Kien hemm qbil li l-istima tal-Perit Soler, li hu fil-WSG hija ogħla ħafna għal servizzi tiegħu biex issir il-kolonna li kienet proposta minn WSG.

5.8 Il-Kunsill ġie nfurmat li saret l-applikazzjoni għal fondi għas-sports activities, u kien hemm tibdil fejn minflok cycling saret applikazzjoni għal archery. Kien hemm qbil.

5.9 Kien hemm qbil li jiġu ordnati d-diaries għas-sena 2019.

5.10 Kien hemm qbil li jitqabbdu ħaddiema tal-garr biex iġorru xi għamara fil-garage tal-Kunsill.

5.11 Ġiet innutata li għandha ssir il-parata tal-Milied organizzata mill-Kunsill il-Ħadd 16 ta' Diċembru 2018.

5.12 Ġiet innutata li ġiet postposta l-car boot sale li kellu jsir f'Jannar.

5.13 Ġiet innutata li saret l-applikazzjoni mal-AKL għal bus stops fil-lokal.

5.14 Kien hemm qbil li l-ikla tal-Milied li ser issir fit-18 ta' Jannar 2019 tiġi organizzata fl-Okurama Restaurant, f'San Ġwann.

5.15 Kien hemm qbil li ssir l-inawgurazzjoni tal-guva meta din titlesta.

5.16 Il-Kunsill ġie nfurmat li għandhom jitwaħħlu l-bins il-ġodda għada fil-11 ta' Diċembru 2018.

5.17 Kien hemm qbil li jsiru courses għal Creative Writing fil-Kunsill.

5.18 Għandu jsir komunikazzjoni mas-Segretarju Parlamentari għall-Anzjani biex f'San Ġwann ikollna s-servizz ta' trasport intern għall-anzjani u persuni bi bżonnijiet speċjali, bħal xi lokalitjiet oħra.

5.19 Għandha ssir tree planting, flimkien mal-iskola fil-masġar taż-żebbug. Dan għandu jsir f'Jannar.

5.20 Għandha ssir presentation min-Nursery tal-Football fl-Uffiċċju tal-Kunsill.

5.21 Ġiet innutata r-risposta miċ-Chairman tal-Infrustructure Malta dwar il-pjan għal Triq tal-Balal / Vjal ir-Riħan. Din ir-risposta kienet li għad m'hemmx pjan. Għandha ssir follow up fuq dan.

5.22 Kien hemm qbil li tinxtara siġra tal-Milied oħra peress li waħda milli nxtrat ġralha l-ħsara fil-maltemp.

5.23 Għandha ssir laqgħa mal-Perit tal-Kunsill dwar Triq il-Mensija u l-Cart Ruts.

**6 Għeluq il-Laqgħa**

6.1 Il-laqgħa spiċċat fis-6.35pm. Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 14 ta' Jannar 2019 fil-5.30pm.

**Kurt Guillaumier**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Etienne Bonello Du Puis**
**Sindku**